14 JUL 2026

ĦAŻ-ŻABBAR
Citta' Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 629**

**It-Tlieta 9 ta' Ġunju, 2026**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar fis-6.06 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Leone Sciberras – Kunsillier
Martina Baldacchino - Kunsilliera
Toshera Schembri – Kunsilliera
Joseph Agius – Kunsillier
Carlo Scicluna - Kunsillier
Patrick Barbara – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Marc Vella Bonnici – Viċi Sindku
Mark Grech – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

### 629.1 Qari tal-ittri t'apoloġiji

629.1.1 Inqraw ittri t' apoloġija mibgħuta mill-Viċi Sindku u mis-Sur Mark Grech fejn talbu li jkunu skużati milli jattendu għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sinjorina Martina Baldacchino, il-Kunsill qabel unanimament li l-Viċi Sindku u s-Sur Mark Grech ikunu skużati.

### 629.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

629.2.1 Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sinjorina Toshera Schembri, il-minuti tas-627 u tas-628 laqgħa ġew unanimament approvati.

### 629.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

629.3.1 Is-Sindku rrefera għat-talba li l-Kunsill irċieva mingħand il-Kummissjoni Festa Esterna tal-Fgura sabiex jingħata l-permess għall-għeluq temporanju ta' Triq il-Kunsill tal-Ewropa waqt il-ħruq tal-logħob tan-nar tal-ajru fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna tal-Karmnu. Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li joħroġ in-*no objection* meħtieġa sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tkompli bil-proċeduri neċessarji mal-awtoritajiet kompetenti.

629.3.2 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mingħand ir-Reġjun Port dwar proposta alternattiva għall-proġett *Regional Mosaic 2026*, li tinvolvi kollaborazzjoni mal-Festival Internazzjonali tal-Orgni f'Malta permezz ta' sensiela ta' kunċerti u attivitajiet kulturali f'Ħaż-Żabbar. Is-Sindku esprima n-nuqqas ta' qbil tiegħu mal-proposta, filwaqt li sostna li ma jaqbilx li l-allokazzjoni finanzjarja ta' madwar €20,000 riservata għal Ħaż-Żabbar tintuża għal attività organizzata minn entità esterna li ma tinvolvix b'mod dirett l-għaqdiet u l-organizzazzjonijiet lokali. Is-Sindku spjega li oriġinarjament kien ippjanat li ssir infjorata fil-lokalità, iżda ġie konkluż li din ma kinitx fattibbli li titwettaq. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill ma jaċċettax il-proposta kif ippreżentata u li tintalab laqgħa mal-*manager* tal-kultura fi ħdan ir-Reġjun Port sabiex jiġu esplorati possibbilitajiet oħra ta' attivitajiet li jinvolvu b'mod aktar attiv l-għaqdiet lokali ta' Ħaż-Żabbar. Is-Sur Joseph Agius issuġġerixxa li s-Sur Carlo Scicluna jattendi flimkien mas-Sindku għal din il-laqgħa.

629.3.3 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta rigward inizjattiva proposta minn *Animal Welfare,* sabiex b'kollaborazzjoni mal-Kunsilli Lokali, jiġu organizzati sessjonijiet ta' għarfien dwar l-ewwel għajnuna għall-annimali. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjorina Martina Baldachino, il-Kunsill qabel unanimament li juri l-interess tiegħu f'din l-inizjattiva u li tiġi organizzata sessjoni ta' dan it-tip f'Ħaż-Żabbar.

629.3.4 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-minuti tal-laqgħat tal-lokalità li saret f'April 2026 kienu tqassmu permezz tal-posta elettronika għall-attenzjoni u l-kunsiderazzjoni tagħhom, u għall-fini tal-minuti, qed jitqiesu bħala moqrija.

629.3.5 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mibgħuta mingħand *Zabbar St Patrick Academy* fejn intalbet il-kollaborazzjoni tal-Kunsill sabiex tiġi organizzata l-attività *Season Presentation Night*. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li tiġi organizzata l-attività *Season Presentation Night* bil-kollaborazzjoni ma' *Zabbar St Patrick Academy*, liema spiża m'għandhiex taqbeż is-somma ta' €900 VAT inkluż.

629.3.6 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li kellu laqgħa ma' rappreżentant ta' St Patrick FC u persuni oħra dwar proposta sabiex tittella' attività relatata mat-Tazza tad-Dinja tal-Futbol - *World Cup Village* fil-*5-a-side football pitch* fi Ġnien il-Kunsill. Is-Sindku spjega li wara din il-laqgħa kien mistenni li l-Kunsill jirċievi talba uffiċjali, iżda sal-ġurnata tal-laqgħa din kienet għadha ma waslitx. Is-Sindku kompla jispjega li l-proposta kienet tinkludi t-trażmissjoni tal-logħob fuq *big screen* flimkien ma' divertiment mużikali, ikel u xorb, filwaqt li l-organizzaturi ġew infurmati li kellhom ikopru huma l-ispejjeż relatati mal-permessi kollha meħtieġa. Is-Sindku qal li kien diġà ra materjal promozzjonali relatat ma' din l-attività, fejn reklam wieħed kien jindika li l-attività ser issir fl-ex-venda, filwaqt li reklam ieħor kien qed jindika li ser issir fil-grawnd ta' St Patrick FC. Is-Sur Carlo Scicluna esprima t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li ċertu logħob seta' jixxandar tard bil-lejl u dan seta' jikkawża inkonvenjent lir-residenti tal-madwar. Is-Sindku spjega li f'każ li l-Kunsill jirċievi talba uffiċjali għall-użu tal-*5-a-side football pitch*, kull permess maħruġ mill-Kunsill ikun validu sal-11:00 ta' filgħaxija, filwaqt li kwalunkwe attività jew xandir li jestendi lil hinn minn dak il-ħin ikun suġġett għall-approvazzjonijiet u l-permessi meħtieġa mill-Korp tal-Pulizija.

629.3.7 Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva korrispondenza minn Povoa de Varzim fejn rappreżentanti mill-Kunsill ġew mistiedna għall-festa ta' San Pedro li ser issir fit-28 u d-29 ta' Ġunju, 2026. Is-Sindku staqsa lill-membri preżenti jekk kienx hemm xi ħadd interessat li jmur il-Portugal. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li d-delegazzjoni tal-Kunsill għandha tkun komposta mis-Sindku, mis-Sinjura Anna Calleja u mis-Segretarju Eżekuttiv.

629.3.8 Is-Sindku rrefera għall-Appell Nru. 15/26 quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar relat mal-iżvilupp propost għal dar tal-anzjani f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2026, it-Tribunal laqa' it-talba għal differiment u ddeċieda li jkompli bis-smiegħ tal-appell fit-2 ta' Lulju 2026, meta ser isiru t-trattazzjonijiet finali.

629.3.9 Is-Sindku rrefera għad-diskussjoni li kienet saret fil-laqgħa preċedenti tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-marki tat-triq u s-sinjali tat-traffiku fi Triq Salvu Pulis, fejn kien ġie spjegat li l-Kunsill wettaq l-interventi meħtieġa fuq il-post u għamel ċerti aġġustamenti tekniċi mill-pjanti approvati ta' Transport Malta sabiex dawn jirriflettu aħjar il-kundizzjoni tat-triq, u jimmassimizzaw il-provvista ta' parkeġġ mingħajr ma tiġi kompromessa s-sigurtà tat-triq. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li qabel ma l-Kunsill issottometta l-pjanti aġġornati lil Transport Malta għall-approvazzjoni formali, l-Awtorità bagħtet ittra datata 25 ta' Mejju 2026 relatata mal-immaniġġjar tat-traffiku fi Triq Salvu Pulis, li fiha rreferiet għall-pjanta oriġinali tal-2013 u talbet li l-marki u s-sinjali jiġu implimentati skont id-disinn

approvat oriġinarjament. Wara analiżi tal-pjanta msemmija minn Transport Malta u tqabbil tagħha mal-konfigurazzjoni attwali tat-triq, mal-kejl effettiv fuq il-post u mal-marki li diġà ġew implimentati, is-Sindku esprima l-fehma li l-implimentazzjoni tad-disinn oriġinali m'hiex prattika u lanqas adegwata għall-kundizzjonijiet preżenti, partikolarment minħabba diverġenzi fil-qisien, restrizzjonijiet ta' spazju, il-ħtiġijiet operattivi marbuta mal-użu attwali tat-triq u l-fatt li ċerti elementi ndikati fil-pjanta ma jistgħux jiġu implimentati b'mod effettiv mingħajr ma jinħolqu diffikultajiet fil-manuvrabbiltà tal-vetturi, fil-provvista tal-parkeġġ u fil-fluss ġenerali tat-traffiku. Għalhekk, is-Sindku ppropona li l-Kunsill ma jimplimentax il-pjanta oriġinali mibgħuta minn Transport Malta, iżda minflok jagħti struzzjonijiet lill-perit tal-Kunsill sabiex jaġġorna d-disinni uffiċjali skont il-marki tat-triq u l-arranġamenti tat-traffiku li attwalment ġew implimentati fuq il-post, filwaqt li jiġi żgurat li dawn ikunu konformi mar-regolamenti tekniċi u l-linji gwida applikabbli. Il-pjanti aġġornati mbagħad għandhom jiġu sottomessi lil Transport Malta għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tagħhom, sabiex il-konfigurazzjoni eżistenti tkun regolarizzata formalment u riflessa fid-dokumentazzjoni uffiċjali kollha.

629.3.10 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill irċieva mingħand il-Fondazzjoni GAL Xlokk li jikkonfermaw li ż-żewġ applikazzjonijiet sottomessi mill-Kunsill intgħażlu għall-finanzjament taħt il-programm *CAP Strategic Plan 2023-2027*. Is-Sindku spjega li l-proġett *Preserving and Promoting Ħaż-Żabbar's Identity Through Heritage and Innovation* ġie approvat taħt il-Miżura 3 – *Marketing of the Territory* b'għotja ta' €12,191.84, filwaqt li l-proġett *Improving Environment of the Territory through Green Enhancement in Żabbar* ġie approvat taħt il-Miżura 1 – *Improving the Environment of the Territory* b'għotja ta' €20,082.29, li tirrappreżenta kofinanzjament ta' 80% tal-ispejjeż eliġibbli.

629.3.11 Is-Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill tlett kwotazzjonijiet sabiex jinxtara *aircondition* ġdid għall-uffiċju tal-*accounts*. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sinjorina Martina Baldacchino, il-Kunsill qabel unanimament li jagħżel l-aħjar offerta vantaġġjunża mingħand *Paulson Home & Hifi* għall-prezz ta' €1,095.

629.3.12 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjorina Toshera Schembri, il-Kunsill qabel unanimament li jinxtara *mobile* ġdid għall-użu tal-Kunsill, fid-dawl tal-fatt li dak eżistenti m'għadux qed jiffunzjona b'mod adegwat.

629.3.13 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li minkejja li kienet diġà nħarġet *default notice* lill-kuntrattur responsabbli mill-manutenzjoni tas-*soft areas* u ż-żbir tas-siġar taħt il-kuntratt ZLC 2/2025, il-kuntrattur baqa' jonqos milli jwettaq l-obbligi kuntrattwali tiegħu. Is-Sindku rrimarka li diversi qsari u pjanti nixfu minħabba nuqqas ta' tisqija, numru ta' *soft areas* kienu mitluqa u x-xogħol taż-żbir ma kienx qed isir kif stipulat fil-kuntratt. Il-Kaptan Patrick Barbara qal li l-qsari ta' Misraħ is-Sliem kienu kollha vojta. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li l-qsari taż-żona tal-Biċċieni wkoll kienu mietu kollha u nbidlu riċentament. Is-Sindku spjega li anke l-pjanti fil-qsari fi Triq is-Santwarju u mad-dawra tal-iskola kienu nixfu u l-Kunsill kellu jitlob lill-kuntrattur sabiex jibdilhom. Is-Sindku żied jgħid li l-kuntrattur għandu r-responsabbiltà li jieħu ħsieb il-pjanti u s-siġar li sar investiment fuqhom, inkluż it-tisqija u l-manutenzjoni tagħhom, mingħajr il-ħtieġa ta' talbiet mill-Kunsill.

Is-Sindku rrimarka wkoll li l-ħamrija ma kinitx qed tinħarat u li ma kien hemm l-ebda fjuri mħawla fis-*soft areas*. Il-Kaptan Patrick Barbara staqsa jekk il-kuntrattur kienx qed iwettaq ix-xogħlijiet li kien ġie mqabbad jagħmel. Is-Sindku wieġeb li l-kuntrattur għandu lista ċara tax-xogħlijiet stipulati fil-kuntratt u l-Kunsill m'għandux għalfejn ifakkru fl-obbligi tiegħu. Is-Sindku żied li waqt attività organizzata fi Triq l-Aħħar Ħbit mit-Torok kien innota li l-*planters* tat-triq kienu f'kundizzjoni ħażina ħafna. Barra minn hekk, il-kuntrattur huwa obbligat jipprovdi lista tax-xogħlijiet imwettqa flimkien ma' ritratti relatati. Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ *default notice* oħra lill-kuntrattur responsabbli u li f'każ li l-kuntrattur jibqa' ma jwettaqx l-obbligi tiegħu, jitterminalu l-kuntratt.

629.3.14 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti dwar diversi xogħlijiet li bħalissa qed jitwettqu fil-lokalità ta' Ħaż-Żabbar. Is-Sindku spjega li l-Kunsill beda programm ta' xogħlijiet intiż biex itejjeb il-manutenzjoni u l-indafa tat-toroq, li fosthom kien qed isir it-twaħħil ta' diversi tabelli ta' *no parking* sabiex il-kuntrattur tal-knis ikun jista' jwettaq il-ħidma tiegħu b'mod aktar effiċjenti. Is-Sindku nforma wkoll li kien qed isir xogħol ta' friskar tal-marki tat-toroq fiż-żona ta' St Peter, u li dan il-proċess kien ser jitkompla gradwalment f'żoni oħra tal-lokalità. Barra minn hekk, is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien ser jitlob lill-perit tal-Kunsill sabiex jipprepara u jissottometti applikazzjonijiet mal-awtoritajiet kompetenti għall-installazzjoni ta' *bus shelters* ġodda fi Triq il-Marżebb u fi Triq l-Aħħar Ħbit mit-Torok fuq iż-żewġ naħat tat-triq.

629.3.15 Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar it-talba sabiex jintużaw il-fondi tal-LESA għal żvilupp ta' *gym* fl-iskola Primarja B. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li kienet talbet direzzjoni lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-eliġibbiltà ta' tali investiment f'bini edukattiv. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li ġiet infurmata li l-investiment propost jista' jaqa' taħt il-funzjoni 33(j) tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali, b'mod partikolari meta dawn il-faċilitajiet ikunu ser jintużaw ukoll barra l-ħinijiet tal-iskola. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li jiġi konkluż *Memorandum* ta' Ftehim mal-Kulleġġ Santa Margerita sabiex jiġu regolati r-responsabbiltajiet u l-użu tal-faċilita proposta. Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jiġi ppreparat u konkluż *Memorandum* ta' Ftehim mal-Kulleġġ Santa Margerita bil-għan li jkunu jistgħu jintużaw il-fondi tal-LESA għall-bini ta' *gym* fl-iskola.

629.3.16 Is-Sindku ppropona li jsir investiment ta' *CCTV cameras* li jaħdmu permezz ta' *solar panels* u li numru ta' *cameras* eżistenti jiġu rilokati f'żoni identifikati bħala *hotspots*, fosthom fi Sqaq Berqi, Triq Ħas-Sajjied u l-Misraħ, bil-għan li jissaħħaħ il-moniteraġġ u l-infurzar kontra l-abbandun illegali tal-iskart. Is-Sinjura Anna Calleja semmiet każ ta' skart goff li ntefa fil-Misraħ. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-pulizija kienu diġà identifikaw il-persuna responsabbli. Is-Sindku żied jgħid li kien ser jitwettaq ukoll programm ta' tindif u manutenzjoni tas-sistema eżistenti tas-*CCTV*. Barra minn hekk, is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien talab rendikont tat-taħrikiet maħruġa minn Jannar sal-preżent fi Triq Villabate, fil-viċinanzi tal-*bring-in sites*. Huwa spjega, li skont ir-rendikont ipprovdut, kienu nħargu diversi multi b'riżultat tal-moniteraġġ mill-*cameras* installati fi Triq Villabate u fi Triq il-Farfett tal-Fejġel. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk kienx hemm moniteraġġ regolari

ta' dawn il-*cameras*. Is-Sindku wieġeb fl-affermattiv, filwaqt li rrimarka li l-ħruġ tal-multi kien jikkonferma li s-sistema kienet qed tiġi moniterjata b'mod effettiv. Il-Kaptan Patrick Barbara ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament mal-investiment propost u mar-rilokazzjoni tal-*cameras*.

629.3.17 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li f'Misraħ San Nikola kien tneħħa l-periklu relatat mal-binja u twettaq ukoll xogħol ta' tindif fiż-żona. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-proċess relatat mat-talba għad-devoluzzjoni tal-binja f'Misraħ San Nikola kien wasal fl-aħħar stadji tiegħu u kien għad fadal biss il-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni mill-*accountant* li tikkonferma li l-ispiża ta' €50,000 ma kinitx ser tħalli impatt finanzjarju negattiv fuq il-Kunsill. Is-Sindku spjega, li wara li tneħħa l-periklu, ma kienx għad hemm il-ħtieġa li tinżamm il-*buffer zone* ta' erba' metri madwar il-binja. Is-Sindku żied li kien diġà kkomunika verbalment mas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali u mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi dwar din il-kwistjoni u kien qed jistenna li ssir laqgħa formali sabiex jiġi evalwat il-mod kif il-proġett ippjanat jista' jimxi 'l quddiem. Is-Sur Leone Sciberra s staqsa jekk il-proġett kienx ser jinkludi t-tneħħija tal-parkeġġ. Is-Sindku wieġeb li minħabba l-impożizzjoni tal-*buffer zone* ta' erba' metri, il-proġett kien ġie ridott u ma kienx għadu possibbli li jsir it-tħaffir meħtieġ għal livell ta' taħt l-art sabiex jinħoloq parkeġġ. Madankollu, is-Sindku spjega li l-laqgħa prevista mas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali u mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi kienet ser tiddiskuti l-possibbiltà li, issa li l-periklu tneħħa, il-proġett ikun jista' jitwettaq skont il-pjan oriġinali tiegħu.

629.3.18 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti dwar diversi xogħlijiet infrastrutturali li twettqu mill-Gvern Ċentrali matul ix-xahar li għadda. Is-Sindku spjega li l-parti tat-triq li niżlet f' Misraħ San Nikola ngħatat saff temporanju ta' konkos u li fil-ġimgħat li ġejjin hija mistennija tingħata s-saff finali tat-tarmak. Barra minn hekk, ingħata t-tarmak f'parti minn Triq il-Qoton u fi Triq San Leonardu fil-parti fejn kienet ċediet it-triq waqt ix-xogħlijiet tal-proġett tan-*New Water*, madwar 30 metru 'l bogħod mid-Dar tas-Soru. Is-Sindku nforma wkoll li ngħata l-konkos fil-parti tal-estensjoni ta' Triq il-Bikri u li sar xogħol ta' manutenzjoni f'numru ta' sqaqien fiż-żona tal-Biċċieni.

629.3.19 Is-Sindku qal li permezz tal-kuntrattur tal-Kunsill tlestew u saru wkoll diversi interventi oħra, fosthom ingħata wiċċ ġdid fi Sqaq l-Inkurunazzjoni Nru 2, xogħlijiet ta' manutenzjoni tal-bankini fi Triq iċ-Ċulqana, Triq Patri Matteo Sultana, Triq iċ-Ċimiterju, Triq in-Nevew, Triq il-Kaħwiela fil-kantuniera ma' Triq iż-Żabra, Triq Bumunqar u Triq in-Nissieġ. Barra minn hekk, saret tarġa fi Triq l-Attakk tal-Franċiżi.

629.3.20 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-proċess relatat mal-installazzjoni tat-tabelli bil-kitba *braille* mal-*bus shelters* tal-lokalità kien miexi kif ippjanat u li l-interventi kienu ser ikopru l-*istops* kollha tal-lokalità. Is-Sindku ta aġġornament ukoll dwar il-proġett ta' Triq il-Kbira Sqaq Nru 4 u spjega li l-proċess kien miexi tajjeb ma' Infrastruttura Malta. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li Infrastruttura Malta staqsiet jekk fil-każ li l-kuntrattur tagħhom jippreżenta d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa, ix-xogħlijiet kellhomx jibdew immedjatament

jew wara l-festa tal-lokalità. Is-Sindku wieġeb li x-xogħlijiet għandhom jibdew minnufih malli jkunu sodisfatti r-rekwiżiti kollha meħtieġa.

629.3.21 Is-Sur Leone Schembri staqsa jekk it-tabelli bil-kitba *braille* kinux ser jiġu prodotti lokalment. Is-Sindku wieġeb fl-affermattiv u nforma lill-membri preżenti li dawn kienu ser isiru lokalment.

629.3.22 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li kellu laqgħa mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi dwar il-proġett tal-installazzjoni ta' fanali li ġew installati fi Ġnien il-Mistrieħ. Is-Sindku spjega li talab lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet sabiex l-*inspection boxes* jinbidlu u jsiru tal-ħadid, kif ukoll sabiex it-trinek li kienu tħaffru jingħalqu bil-konkos sabiex jiġi żgurat livell aħjar ta' sigurtà. Is-Sindku żied jgħid li ser tkun meħtieġa applikazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti minħabba n-natura tal-fanali peress li jaħdmu permezz ta' *solar panels*. Barra minn hekk is-Sindku qal li kien qed jiltaqa' mal-kuntratturi sabiex iġib stima biex isir ix-xogħol ta' tisbiħ fi Ġnien il-Mistrieħ sabiex tintalab id-*direct order* skont linji gwida 3.5.

629.3.23 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li, wara li tlestiet l-estensjoni tal-bankina fi Triq San Leonardu fil-kantuniera ma' Triq iż-Żarżarell, entità governattiva kienet wettqet xogħlijiet li rriżultaw fit-tkissir ta' parti minn din il-bankina. Is-Sindku spjega li kien qed jikkunsidra li jqabbad lill-kuntrattur tal-Kunsill sabiex il-bankina tiġi rranġata, bil-ħsieb li l-ispiża relatata tintalab lura mingħand id-Direttorat responsabbli permezz ta' kont separat. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet li qabel ma jitwettaq kwalunkwe xogħol mill-kuntrattur tal-Kunsill, tintbagħat korrispondenza uffiċjali lid-Direttorat li wettaq l-intervent sabiex jingħata l-opportunità jirranġa l-bankina kif kienet oriġinarjament. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjorina Toshera Schembri, il-Kunsill qabel unanimament li jqabbad lill-kuntrattur tal-Kunsill sabiex jirranġa mill-ġdid il-bankina u li l-ispiża relattiva tintalab lura mingħand id-Direttorat responsabbli permezz ta' kont separat.

### 629.4 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

629.4.1 Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn is-6 ta' Mejju 2026 u d-9 ta' Ġunju 2026 li kienet tammonta għal €157,891.28.

### 629.5 Deċiżjoni dwar il-kuntratti;

- **Sejħa għall-offerti għar-restawr tal-faċċata tal-Mużew tas-Santwarju u tal-ħajt taċ-Ċimiterju (ZLC1/2025)**

629.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-kuntratt għar-Restawr tal-Faċċata tal-Mużew tas-Santwarju u tal-Ħajt taċ-Ċimiterju (ZLC 1/2025). Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li x-xogħlijiet prevvisti fil-kuntratt kienu għadhom ma tlestewx u kien meħtieġ li l-Kunsill jiddeċiedi jekk il-kuntratt għandux jiġi estiż sabiex il-proġett ikun jista' jitlesta. Is-Sindku ppropona li l-kuntratt jiġi estiż sal-31 t' Awwissu 2026 sabiex jingħata ż-żmien meħtieġ għat-tlestija tax-xogħlijiet.

629.5.2 Is-Sindku tkellem dwar ix-xogħlijiet ta' restawr li qed isiru fuq il-Mużew tas-Santwarju u spjega li matul l-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet ġew identifikati

kundizzjonijiet moħbija li ma kinux viżibbli waqt is-*survey* inizjali u għalhekk ma setgħux jiġu inklużi fl-istima oriġinali. Ġie nnutat li l-fili tal-ġebel kellhom bżonn jinfetħu u jerġgħu jimtlew fuq medda ferm akbar minn dik prevvista, filwaqt li kien meħtieġ ukoll tindif addizzjonali sabiex il-faċċata kollha tiġi trattata b'mod uniformi. Dawn l-interventi huma meqjusa mill-perit tal-Kunsill bħala essenzjali sabiex tiġi żgurata l-integrita strutturali, ir-reżistenza għall-elementi, id-durabilità tal-materjal u l-konsistenza estetika tal-faċċata kollha. In-nuqqas li jitwettqu dawn ix-xogħlijiet jista' jwassal biex jibqgħu partijiet mhux trattati li jaffetwaw kemm il-konservazzjoni fit-tul kif ukoll id-dehra tal-binja. L-ispiża addizzjonali ta' dawn ix-xogħlijiet tammonta għal €23,764 fuq il-kuntratt eżistenti. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-kuntratt jammonta għal €30,184 u li din iż-żieda taqbeż il-limitu permessibbli ta' 15% varjanza skont ir-regolamenti tal-*procurement*. Ġie spjegat ukoll li dawn ix-xogħlijiet jikkostitwixxu kontinwazzjoni diretta u inseparabbli tax-xogħlijiet ta' restawr li diġà qed jitwettqu, u għalhekk, għal raġunijiet tekniċi, ta' konsistenza fil-metodoloġija ta' konservazzjoni, ta' responsabbiltà fuq il-garanziji tax-xogħol u sabiex jiġi evitat dewmien li jista' jipperikola t-tlestija tal-proġett qabel il-festa tal-Madonna tal-Grazzja, dawn għandhom jitwettqu mill-istess kuntrattur u bir-rati stabbiliti fil-kuntratt eżistenti. Għaldaqstant, fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill għandu jitlob lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jingħata konċessjoni għal *direct order* skont il-Linja Gwida 3.5 sabiex jingħata l-awtorizzazzjoni meħtieġa biex dawn ix-xogħlijiet addizzjonali jitwettqu permezz tal-kuntratt eżistenti.

- ***Accountant Technician*** **(ZLC2/2026)**

629.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-proċess ta' evalwazzjoni tal-offerti għadu ma ġiex konkluż peress li kien meħtieġ li jintbagħtu ittri ta' kjarifika lill-offerenti sabiex jiġu ċċarati ċerti aspetti tal-offerti sottomessi. L-evalwazzjoni finali ser titkompla wara li jiġu riċevuti u eżaminati t-tweġibiet għal dawn il-kjarifiki.

**629.6 Ħatra ta' Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti;**

- **Servizz ta' Toroq mhux Urbani (ZLC 3/2025)**

629.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-PCRB ikkonkluda l-proċeduri relatati mal-każ imressaq kontra l-Kunsill u ordna li ssir evalwazzjoni mill-ġdid tal-offerti permezz ta' Bord ta' Evalwazzjoni ġdid. Fuq proposta tas-Sinjorina Toshera Schembri ssekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li l-Bord ta' Evalwazzjoni tal-Offerti għas-Servizz ta' Toroq Mhux Urbani (ZLC 3/2025) ikun kompost mis-Sur Paul Farrugia bħala *Chairperson*, mis-Segretarju Eżekuttiv, mis-Sinjura Lianne Cassar, mis-Sur Daniel Galea u minn Dr Tiffany Farrugia. Fil-każ li s-Segretarju Eżekuttiv ma tkunx tista' sservi fuq dan il-Bord, postha għandu jittieħed mis-Sinjorina Mary Rose Caruana.

**629.7 Talba għal rimbors dwar ħsarat fil-vetturi**

629.7.1 Ma kienx hemm talba għal rimbors.

## 629.8 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

629.8.1 Is-Sur Carlo Scicluna rrimarka, li kif kien ġie diskuss u mniżżel fil-minuti tal-laqgħa preċedenti, il-Kunsillieri kellhom jiġu nfurmati mis-Sindku bid-data tal-konvenju relatat max-xiri tat-Teatru. Is-Sindku stqarr li bi żvista ma ntbagħtitx il-korrispondenza relattiva lill-Kunsillieri. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li sal-ġurnata tal-konvenju l-Kunsill kien għadu qed jistenna l-approvazzjoni meħtieġa għad-*direct order* mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, liema approvazzjoni waslet biss ftit minuti qabel il-ħin tal-konvenju.

629.8.2 Is-Sur Carlo Scicluna nforma lill-Kunsill li ftit tal-ħin qabel il-laqgħa kien irċieva informazzjoni li kienu qed isiru xogħlijiet fil-viċinanzi taż-żona tar-riċiklaġġ tax-Xgħajra, maġenb id-Dar tas-Soru, fejn allegatament kien qed jinbena ħajt bil-*bricks* li kien qed jostakola jew jagħlaq passaġġ eżistenti. Is-Sindku talab lis-Sur Scicluna sabiex jipprovdi aktar informazzjoni u dettalji dwar il-post eżatt fejn saru dawn ix-xogħlijiet sabiex il-Kunsill ikun jista' jivverifika l-każ.

629.8.3 Is-Sinjorina Martina Baldacchino staqsiet meta kien prevvist li jiġi installat id-dawl tat-triq fi Triq Ġanni Bonavia. Is-Sindku spjega, li meta nbnew il-binjiet fiż-żona, ma kinitx saret l-infrastruttura meħtieġa sabiex jgħaddu l-*cables* tad-dawl minn taħt il-bankina. Għaldaqstant, il-*cables* ser ikollhom jgħaddu mal-faċċati tal-binjiet minflok minn taħt il-bankina. Is-Sindku żied jgħid li d-dewmien fl-installazzjoni tad-dawl kien dovut għal din il-problema teknika u li għal dan il-għan saru diversi laqgħat mal-Korporazzjoni Enemalta sabiex tiġi identifikata l-aħjar soluzzjoni u r-rotta minn fejn tista' tinġieb il-provvista tad-dawl.

629.8.4 Is-Sur Carlo Scicluna rrefera għall-korrispondenza li kienet waslet mingħand residenta li toqgħod fiż-żona tal-Biċċieni, li permezz tagħha talbet li jiġu installati *bollards* sabiex jiġi evitat l-aċċess ta' vetturi kbar fiż-żona. Wara diskussjoni dwar is-suġġett, u fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sur Carlo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob lil LESA twettaq infurzar aktar regolari permezz tas-sistema tas-*CCTV* installata fiż-żona u tieħu l-passi neċessarji kontra s-sidien tal-vetturi l-kbar li jidħlu f'din iż-żona, peress li l-aċċess tagħhom m'huwiex permessibbli.

629.8.5 Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-ħtieġa li tiġi rranġata Triq Wied il-Għajn minħabba li kienet niżlet it-triq. Is-Sindku qal li Triq Wied il-Għajn kienet skedata li ssir minn Infrastruttura Malta.

629.8.6 Is-Sur Joseph Buttigieg qal li kien hemm kaptell perikoluż f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi fil-viċinanzi tal-ħanut tal-laħam.

629.8.7 Is-Sur Leone Sciberras qal li diversi residenti kienu qed jilmentaw dwar riħa tintenn f'diversi żoni tal-lokalità. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-awtoritajiet responsabbli mill-*Wastewater* kienu qed iwettqu diversi spezzjonijiet fis-sistema tad-drenaġġ sabiex jidentifikaw jekk kienx hemm xi sadd jew problemi oħra li setgħu kienu qed jikkawżaw din is-sitwazzjoni, bil-għan li tinstab soluzzjoni għall-problema. Dan peress li r-riħa mhux neċessarjament kienet ġejja mill-Impjant Ta' Barkat.

629.8.8 Is-Sinjura Anna Calleja qalet li membri tal-Kleru kienu avviċinawha dwar talba li kienu resqu lill-Kunsill sabiex triq fil-lokalità tingħata l-isem "Triq Warda Mistika". Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li kienet diġà wieġbet għall-korrispondenza tal-Kleru u nfurmathom li l-Kunsill ħa nota tat-talba tagħhom u li hekk kif ikun hemm triq addattata fil-lokalità li tkun tista' tingħata dan l-isem, il-Kunsill ser jikkunsidra t-talba kif xieraq.

629.8.9 Is-Sinjura Anna Calleja talbet li l-parti ta' Triq il-Kapuċċini li tinsab viċin Triq Alessio Erardi ssir *one-way*. Is-Sindku qal li din il-proposta ma kinitx fattibbli. Is-Sindku żied jgħid li residenti tal-akwati kienu ħadu l-formoli meħtieġa sabiex japplikaw għall-installazzjoni ta' *road hump*. Is-Sur Joseph Buttigieg issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jikkunsidra wkoll it-tneħħija tal-parkeġġ f'din il-parti tat-triq sabiex titjieb is-sitwazzjoni tat-traffiku.

629.8.10 Is-Sinjura Anna Calleja qalet li kien hemm problemi relatati mal-ġbir tal-iskart fi Triq Renato Agius Muscat. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li kien prevvist li tiġi installata *camera* fiż-żona sabiex jiġi ndirizzat l-abbuż relatat mar-rimi tal-iskart. Is-Sur Joseph Buttigieg qal li l-problema kienet ukoll dovuta għall-fatt li l-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart mhux dejjem kien qed iwettaq il-ġbir skont l-iskeda stabbilita. Is-Sindku qal li l-iskart qed jinħareġ wara li jgħaddi t-trakk.

629.8.11 Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk l-applikazzjoni sabiex Triq Salvu Astarita ssir *one way* kinitx ġiet sottomessa lill-awtoritajiet kompetenti. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv u kkonferma li l-applikazzjoni kienet ġiet sottomessa.

**629.9 Mozzjonijiet**

629.9.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**629.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;**

629.10.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.30 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fis-630 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 13 ta' Lulju, 2026.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku